MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 425/2003

HSBC BANK MALTA P.L.C
vs
VINCENT ZAHRA

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha il-Bank attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' erbgha u sebghin elf seba' mija u hamsa u tletin liri Maltin u sittax-il centezmi (Lm74,735.16) in kwantu ghal tlieta u sittin elf, tmien mija tlieta u ghoxrin lira Maltin, u sebgha u disghin centezmi(Lm63,823.97) kapital u ghaxart' elf disa' mija u hdax-il lira Maltin u dsatax-il centezmi (LM10,911.19) imghax dovut mit-23 t'Awissu 1999 sal-31 ta'Marzu 2003 kif jirrizulta mis-'statements of account ' hawn anness markat (Dok B) oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagement effettiv minn self moghti permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Antoine Agius tat-30 ta' Lulju 1999, kopja hawn annessa (Dok A);

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici tal-bilanc ta' 'overdraft facility' bl-imghax pattwit ta' tmienja fil-mija 8%

fl-ammont ta' hames mija disgha u hamsin liri Maltin u sitta u tmenin centezmi (LM559.86) in kwantu ghal erba' mija disa' u disghin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm499.73) oltre imghax ta' sittin lira Maltin u tlettax-il centezmi (LM60.13) mit 28 ta' Settembru 2001 sal-31 ta' Marzu 2003, oltre l- imghaxijiet ulterjuri minn dik d-data sad-data tal-pagament effettiv, kif jirrizulta minn 'statement of account' hawn anness (Dok C).

Illi l-konvenut naqas illi jhallas dawn id-debiti li huma dovuti;

Illi jezistu l-elementi komtemplati fl-Artikolu 167 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici tal-Procedura u tal-Organizazzjoni Civili) ghall-ezebzjoni mis-smiegh tal-kawza ,billi d-debiti fuq imsemmija huma certi , likwidi u dovuti;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti, previa kull dikjarazzjoni jew provediment opportun u bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza skond l-Artikoli 167–170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici:-

(a) l-ammont ta' erbgha u sebghin elf seba' mija u hamsa u tletin liri Maltin u sittax il-centezmu (LM74,735.16) in kwantu ghal tlieta u sittin elf, tmien mija tlieta u ghoxrin liri Maltin, u seba' u disghin centzmi (LM63,823.97) kapital u ghaxart'elf disa' mija u hdax-il liri Maltin u dsatax-il centezmi (LM10,911.19) imghax dovut mit-23 t'Awissu 1999 sal-31 ta' Marzu 2003 oltre imghaxijiet legali ulterjuri sad-data pagament effettiv dovuti fuq l-ammont tat-talba.

(b) L-ammont ta' hames mija disgha u hamsin liri Maltin u sitta u tmenin centezmi (LM559.86) in kwantu ghal erba' mija disa' u disghin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (LM499.73) kapital oltre imghax ta' sittin lira Maltin u tlettax-il centezmi (LM60.13) mit-28 ta' Marzu 2001 sal-31 ta' Marzu , oltre imghaxijiet ulterjuri minn dik id-data sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fl-udjenza tallum li biha ammetta it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tal-bank attur kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

``````````````````````````````````Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------
``````````````````````````````````